**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 14 ta' Lulju, 2016**

**Rikors nru: 135/2016 MLF**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid ezekuttiv numru 475/2016 fl-ismijiet:**

**Tiziana Tabone**

**Vs**

**Buz Dov Developments Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' Buz-Dov Developments Ltd tal-15 ta' Gunju, 2016 li permezz tieghu esponiet:

Illi hija giet notifikata bil-mandat ta' qbid ezekuttiv odjern illi fiha hemm iddikjarat illi dan il-mandat ta' qbid inhareg ghab-bazi ta' titolu ezekuttiv illi jemani minn "tlett sentenzi fl-ismijiet Tiziana Tabone vs Sandro Grixti et" moghtija mill-Qorti tal-Magistrati

(Malta) fid-19 ta' April 2011 (230/2007 SM), fit-22 ta' Ottubru 2012 (230/2007 FDP) u riformata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell (230/2007/1 EG) fl-14 ta' Jannar 2015, fejn il-Qrati kkundannaw lis-sekwestrati (sic) jhallsu s-sorte, l-imghax u l-ispejjez tat-tlett kawzi msemmija."

Illi fil-fatt, il-kreditrici Tiziana Tabone m'ghandha l-ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta' esponenti kif qieghed ssostni ghax is-sentenzi illi ottjeniet huma kollha fil-konfront tas-socjeta' "Buz-Dov Ltd." illi hija entita' illi s-socjeta' esponenti ma tafx bl-ezistenza taghha. Illi l-okkju tas-sentenzi msemmija huwa "Tiziana Tabone vs Sandro Grixti u Buz Dov Ltd u b'digriet datat l-14 ta' Mejju 2008 giet kjamata in kawza s-socjeta Nigel Limited." Illi m'huwiex korrett illi l-kreditrici ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta' esponenti meta m'ghandhiex titolu ezekuttiv fil-konfront taghha.

Illi jekk wiehed jezamina l-informazzjoni accessibbli fuq is-sit tar-Registru tal-Kumpaniji, wiehed isib illi barra s-socjeta' "Buz-Dov Developments Ltd." (C25647), jezistu s-socjeta' "Buz-Dov Group of Companies Ltd." (C53903), is-socjeta' "Buz-Dov Investments Ltd." (C47894), is-socjeta' "Buz-Dov Properties Ltd." (C38478), is-socjeta' "Buz-Dov Quarries Ltd." (C35031) u s-socjeta' "Buz-Dov Steel Products Ltd." (C26475). Ghaldaqstant, jezistu sitt socjetajiet illi b'xi mod ghandhom l-isem "Buz-Dov" imma ma tezisti l-ebda socjeta' bl-isem "Buz-Dov Ltd." kif sostniet il-kreditrici.

Ghaldaqstant, is-socjeta' esponenti bil-qima titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, ai termini tal-artiklu 281 tal-Kap 12, thassar il-mandat ta' qbid numru 475/16 fl-ismijiet premessi stante illi gie mahrug minkejja illi l-kreditrici Tiziana Tabone ma kellhiex titolu ezekuttiv fil-konfront tas-socjeta' esponenti.

Rat ir-risposta ta' Tiziana Tabone fejn eccepiet:

Illi l-esponenti topponi ghat-talba tas-socjeta' Buz-Dov Developments Limited ghat-thassir tal-mandat numru 475/2016 fl-ismijiet premessi, u dana stante l-esponenti hija proprju kreditrici ta' din is-socjeta u dan ghar-ragunijiet segwenti:

Illi wara illi s-socjeta' Buz-Dov Developments Limited (C 25647) kienet giet notifikata bl-avviz tal-esponenti (rikors Numru 230/2007 – deciza fid-19 t'April 2011, fit-22 t'Ottubru 2012 u mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar 2015), din kienet rrispondiet ghat-talbiet tal-esponenti permezz ta' **<u>'Risposta ta' "Buz-Dov. Limited" C 25647 ghar-rikors promotur'</u>** u dan skond ma jidher mill-imsemmija risposta hawn annessa u mmarkata bhala Dok. 'A'.

Illi ai termini tal-istess risposta, din is-socjeta' mhux talli m'eccipietx illi ma kienetx il-legittimu kontradittur jew li tal-inqas l-isem kien gie ndikat skorrettement, talli eccepiet fil-mertu tat-talba attrici fejn sahansitra qalet illi *'Dan sar qabel ma s-socjeta' esponenti bdiet topera fuq is-sit de quo'*.

Illi kieku s-socjeta' Buz-Dov Developments Limited xtaqet tistrieh fuq il-fatti illi l-isem taghha kien gie indikat skorrettement mill-attrici fir-rikors promotur, din kellha zewg ghazliet, jew ma tirrispondix ghat-talbiet attrici bil-konsegwenza illi l-esponenti kienet tottjeni titolu ezekuttiv kontra persuna li ma tezistix, jew alternattivament li tirrispondi ghal dawn it-talbiet, bhal ma fil-fatt ghamlet, u konsegwentement titlob il-korrezzjoni fl-okkju tat-talba, jew almenu tghid illi, kif imharrka fl-att promotur is-socjeta' intimata qatt ma kienet proprjetarja tal-fond adjacenti ghal dak ta' l-esponenti jew li qatt wetqet jew kienet responsabbli ghax-xogholijiet li kienu qieghdin isiru f'dak il-fond liema xogholijiet kienu huma li waslu ghall-hsarat sofferti mill-esponenti meta l-fond taghha ghereq bl-ilma tax-xita ta' dakinhar tal-incident.

Huwa biss f'kaz illi s-socjeta' Buz-Dov Developments Limited ma rrispondietx u baqghet kontumaci illi setghet titlob illi s-sentenza ma jkollha l-ebda effett fil-konfront taghha gialadarba l-kawza kienet intavolata kontra persuna inezistenti. Bil-fatt pero' ili din is-socjeta' mhux talli eccepiet, talli, baqghet tidher tul il-mori ta' dawn il-kawzi u talli ukoll ghaddiet billi **<u>appellat</u>** minn dawn is-sentenzi, ma tistax issa tippretendi illi l-kawza ma taghmilx stat fil-konfront taghha kif lanqas ma tista' u m'ghandhiex tithalla tizgicca mill-obbligi taghha.

Illi m'hemmx dubju illi s-sentenzi inghataw fil-konfront ta' Buz-Dov Developments Limited (C 25647) in kwantu kienet din is-socjeta' stess illi rrispondiet ghall-atti tal-kawza, u gialadarba hemm ukoll riferenza ghal din is-socjeta' mhux biss fil-parti deciziva tas-sentenza izda wkoll fil-korp kollu tal-atti fil-varji kawza.

Bl-istess mod, qajla jista' jinghad illi kien hemm xi zball fl-identita' tal-persuna gialadarba kienet is-socjeta' Buz-Dov Developments Limited (C 25647) stess illi indikat, korrettement, in-numru tal-kumpanijja meta din irrispondiet ghall-atti tal-kawzi u sahansitra appellat minnhom.

Kienu x'kienu u r-ragnijiet li inducew jew, anke, kkostringew lis-socjeta' Buz-Dov Developments Limited (C 25647) taghmel r-risposta ghat-talbiet tal-attrici fil-kawza, u li tappella minn tali sentenzi, xorta wahda dak l-ghemil huwa akkwixxenza vera u proprja ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad u ghal dik tal-grad tal-appell, ghalhekk huwa ghemil li ma jistax, guridikament, ma jfissirx rinunzja effettiva ghall-eccezzjoni illi dik is-sentenza ma tistax taghmel stat fil-konfront tas-socjeta' Buz-Dov Developments Limited (C 25647).

Illi ghaldaqstant m'ghandu jkun hemm assolutament l-ebda dubju illi llum il-gurnata, l-esponenti hija proprju kreditrici ta' Buz-Dov Developments Limited (C 25647) u konsegwentement, fl-umli fehema tal-esponenti, din l-Onorabbli Qorti ghandha tghaddi biex tichad it-talba tas-socjeta' Buz-Dov Developments Limited (C 25647) ghat-thassir tal-mandat ta' qbid 475/2016.

Bl-ispejjez.

Semghet, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Rat in-nota tal-intimata tal-11 ta' Lulju 2016.

Rat in-nota tas-socjeta rikorrenti tat-12 ta' Lulju 2016.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dan ir-rikors mhux kontestati, u jistghu jigu sintezzizzati hekk:

1. Fl-2007 l-intimata intavolat kawza kontra Sandro Grixti u Buz Dov Limited.
2. Buz Dov Limited irrispondiet ghar-rikors u wara l-okkju nizzlet is-segwenti frazi *"Risposta ta' "Buz-Dov Ltd" C 25647) ghar-rikors promotur"* u tat zewg eccezzjonijiet, u t-tnejn li huma kienu fil-meritu.
3. Din il-Qorti diversament preseduta tat is-sentenza taghha fid-19 ta' April 2011, u minn din is-sentenza appellat Buz-Dov Limited. Fir-rikors tal-appell taghha, huwa intitolat hekk: *"Rikors tal-appell tas-socjeta "Buz-Dov Ltd." (C25647).* Il-Qorti tal-Appell hassret u rrevokat is-sentenza tal-ewwel Qorti u rrinvjat l-atti lil din il-Qorti diversament preseduta biex tigi deciza skond il-ligi.
4. Il-kawza regghet giet deciza minn din il-Qorti diversament preseduta fit-22 ta' Ottubru 2012, u Buz-Dov Limited regghet appellat mis-sentenza. Il-kawza giet finalment deciza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar 2015, irriformat is-sentenza tal-ewwel Qorti, ikkonfermata in kwantu Buz Dov Limited instabet responsabbli li kkagunat id-danni lill-intimata, u giet ikkundannata thallas l-istess danni bl-imghax. L-okkju ta' din is-sentenza huwa *"Tiziana Tabone vs Sandro Grixti u Buz Dov Ltd u b'digriet tal-14 ta' Mejju 2008 giet kjamata in kawza s-socjeta Nigel Limited."*
5. Sussegwentement ghal din is-sentenza, u cioe fl-20 ta' Mejju, 2015, l-intimata ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra s-socjeta Buz Dov <u>Development</u> Limited (25647) (sottolinear ta' din il-Qorti), a bazi tat-titolu ezekuttiv ottenut bit-tlett sentenzi fuq imsemmija. Giet intavolata cedola ta' depozitu minn bank kummercjali. Wara rikors tal-intimata, ghal liema rikors is-socjeta Buz Dov Development Limited ma ipprezentatx risposta, ghalkemm kienet debitament notifikata, din il-Qorti ordnat l-izbank tal-ammont depozitat.
6. Fit-8 ta' Marzu 2016, l-intimata ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' qbid ezekuttiv kontra Buz-Dov Developments (C25647) a bazi tat-titolu ezekuttiv ottenut bit-tlett sentenzi fuq imsemmija.

7. Fir-rikors taghha odjern, is-socjeta rikorrenti qed titlob ir-revoka ta' dan il-mandat ta' qbid ghaliex qed tissottometti illi l-intimata m'ghandha l-ebda titolu ezekuttiv fil-konfront taghha, stante li t-tlett sentenzi li hija ottjeniet huma kollha fil-konfront ta' *"Buz-Dov Ltd."* Li hija entita illi s-socjeta rikorrenti ma tafx bl-ezistenza taghha.
8. Mis-sit eletroniku tar-Registru tal-Kumpaniji jirrizulta li s-socjeta Buz-Dov Limited ma tezistix, izda tezisti is-socjeta rikorrenti li ggib in-numru C24647 – l-istess numru l-socjeta konventa Buz-Dov Limited ikkwotat fir-rispota taghha ghar-rikors promotur u fir-rikors tal-appell taghha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Sentenza b'fattispecje simili ghal dawk odjerni hija s-sentenza fl-ismijiet **Teodora Schembri vs Giuseppe Farrugia**, deciza fl-14 t'April 1961, fejn il-Qorti tal-Appell Civili[1], ikkonfermat sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li kienet tittratta kwistjoni fejn l-attrici fejn il-Bord li Jirregola l-Kera kien ta' sentenza fl-20 ta' Settembru 1960 fl-ismijiet "Giuseppe Farrugia vs Dorina Schembri", fejn ordna l-izgumbrament tal-intimata. Sussegwentement, l-intimata fil-proceduri quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera intavolat citazzjoni quddiem il-Prim'Awla fejn talbet li jigi dikjarat li dik is-sentenza ma taghmilx stat fil-konfront taghha, billi kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid li gie anness hija jisima Teodora u mhux Dorina, kif erronjament indikat fir-rikors quddiem il-Bord.

Il-Prim'Awla irriteniet hekk: *"L-isem taghha, anki ghat-terzi hu "Dorina" u ma hemmx incertezza dwar l-identita tal-persuna maghrufa b'dak l-isem, jigifieri l-attrici ... ...*

*Illi ghalhekk hija dejjem kwistjoni ta' prova dwar l-identita ta' persuna, li tista' tirrizulta, skond l-art. 174(3)* (illum 174(2)) *tal-Procedura Civili mhux biss mill-indikazzjoni tal-lok fejn toqghod jew fejn tahdem izda wkoll minn kull indikazzjoni ohra li tiswa ghall-*

[1] Preseduta mill-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, u l-Imhallfin Dr. A. J. Montanoro Gauci u Dr. W. Harding.

*identifikazzjoni taghha, u kien ghalhekk li giet respinta l-eccezzjoni ta' nullita ta' att gudizzjarju fejn gew uzati semplici inizjali flok "caratteri pieni", ghaliex kienet tirrizulta bizzejjed l-identita tal-persuna (Kollez. IX, 82).*

*Illi jekk, kif issottometta l-konvenut fin-nota ta' eccezzjonijiet, id-difett de quo jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' forma, l-attrici ma tistghax tinvoka n-nullita tal-atti, billi kienet hi li tat kawza ghaliha; u dan skond il-principju stabbilit fl-art. 97* (illum artikolu 100) *(Proc. Civ.) bazat fuq ir-regola guridika li "nemo ex proprio dolo commodum consequatur." … …*

*Illi minn dan tinsel ukoll il-konsegwenza li l-attrici, bid-diportament taghha stess fil-kawza l-ohra, irrinunzjat tacitament ghan-nullita minnha pretiza. Hija bdiet biex taccetta n-notifika tar-rikors maghmula lilha personalment fl-istess fond de quo, fejn allura kienet toqghod, mentri f'dak ir-rikors kien jinghad li l-fond kien mikri lil "Dorina armla Schembri", ir-risposta ghar-rikors saret f'isem "Dorina Schembri", u kull darba li ssejhet il-kawza ghat-trattazzjoni quddiem il-Bord hija prezentat ruhha; u dan kollu minghajr ma ghamlet l-ebda protesta jew b'xi mod zammet xi rizerva ta' drittijiet favor taghha; u konsegwentement issir anki applikabbli d-disposizzjoni tal-art. 792(2) Proc. Civ."*

Kif diga inghad din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Civili

Issa fil-kaz odjern, ghalkemm il-kawza ma saritx kontra is-socjeta rikorrenti – izda kontra s-socjeta Buz Dov Limited, li effettivament ma tezistix bhala kumpanija registrata – Buz Dov Ltd ghazlet li tintavola risposta ghar-rikors promotur li fiha indikat li n-numru ta' registrazzjoni taghha mar-Registratur tal-Kumpaniji kien C25647, u l-istess ghamlet meta intavolat l-appell mis-sentenza tal-2011. Issa kif jirrizulta mill-estratt esebit mis-sit tar-Registratur tal-Kumpaniji, dan huwa n-numru ta' registrazzjoni huwa in-numru ta' registrazzjoni tas-socjeta rikorrenti. Ghalhekk, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti ma jistghax ikun hemm dubbju dwar l-identita tas-socjeta li giet konvenuta. L-Artikolu 174 tal-Kodici ta' Procedura Civili jirrikjedi li persuna/socjeta kummercjali tati in-numru ufficjali taghha appuntu sabiex jekk ikun hemm zball fl-isem dan jigi kjarifikat bin-numru tal-karta tal-identita jew tar-registrazzjoni taghha, li huma unici, u ghalhekk ma jistghax ikun hemm dubbju dwar l-identita taghha.

Inoltre, fil-kaz odjern fir-risposta taghha ghar-rikors promotur Buz-Dov Limited mhux biss tat in-numru ta' registrazzjoni tas-socjeta rikorrenti imma tat biss eccezzjonijiet fil-meritu, u ma tat l-ebda eccezzjoni li hi mhix il-legittimu kontradittur, jew li tal-inqas l-isem kien gie indikat skorretement.

Is-socjeta Buz-Dov Limited kompliet tippartecipa b'mod attiv matul il-proceduri tal-kawza, kif ammess minnha stess f'wiehed mill-aggravju taghha tal-appell fejn qalet li *"dejjem attendiet ghas-seduti quddiem l-Ewwel Qorti u ressqet il-provi taghha."*[2] In oltre s-socjeta Buz-Dov Limited appellat mis-senteza tal-ewwel Qorti, u fir-rikors tal-appell regghet nizzlet in-numru ta' registrazzjoni tas-socjeta rikorrenti. Ghalhekk certament, l-izball fl-isem tas-socjeta fl-okkju, ma ppregudika bl-ebda mod lis-socjeta rikorrenti fid-difiza taghha f'dawk il-proceduri, tant li ghamlet dan kollu minghajr ma ghamlet l-ebda protesta jew b'xi mod zammet xi rizerva ta' drittijiet favur taghha.

Huwa wkoll sinifikanti li s-socjeta rikorrenti ma qajmet l-ebda oggezzjoni ghal mandat ta' sekwestru ezekuttiv li sar mill-intimata ghab-bazi ta' dawn is-sentenzi, u lanqas ghar-rikors tal-izbank mill-intimata tal-ammont li gie depozitat.

Ghalhekk fl-opinjoni tal-Qorti huma applikabbli l-Artikolu 100 tal-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi li *"Ħadd ma jista' jeċċepixxi nullità ta' forma li tagħha huwa jew dawk li jagħmlu floku jkunu l-ħtija"* u l-Artikolu 789(2) tal-istess Kodici li jippreskrivi li *"(2) L-eċċezzjoni ta' nullità ta' att, taħt is-subartikolu (1)(ċ)* (vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi)*, ma tistax tingħata, meta l-parti li tagħtiha tkun baqgħat tagħmel jew, għad li tkun taf biha, tkun ħalliet li jibqgħu jsiru atti oħra wara, mingħajr ma teċċepixxi dik in-nullità."*

---

[2] Ara pagna 15 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-14 ta' Jannar 2015 fl-ismijiet "Tiziana Tabone vs Sandro Grixti et".

Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, huwa car li bil-komportament taghha stess fil-kawzi l-ohra, is-socjeta rikorrenti irrinunzjat tacitament ghas-sottomissjoni taghha li s-sentenzi in kwistjoni ma jaghmlux stat fil-konfront taghha u ma jistghux jigu ezegwiti kontriha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad it-talba tas-socjeta rikorrenti, bl-ispejjez kontra taghha.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**